MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 90/2014

**AB**

**Vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi hi zzewwget lill-intimat fil-knisja ta' Lapsi ta' San Giljan fit-tlieta u ghoxrin ta' Frar tas-sena elf disa' mija u disghin (1990) , filwaqt illi l-partijiet ikkuntrattaw zwieg civili fil-hdax (11) il-jum ta' April tas-sena elf disa'mija u disghin (1990) (Certifikat taz-zwieg anness u markat bhala Dok A) ;

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u resqu ghas-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt pubblikat in atti Nutar Marco Burlo fl-24 ta' Mejju 2007 (kopja awtentikata annessa u markata bhala Dok B) ;

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom erbat itfal li jisimhom K li twieldet fit-tmienja (8) ta' Awissu tas-sena elf disa' mija u disghin (1990), W li twieled fit-tlieta (3) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija tnejn u disghin (1992), Z li twieled fil-hamsa u ghoxrin ta' Jannar tas-sena elf disa mija u tlieta u disghin (1993) u M li twieled fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu tas-sena elf disa mija u sitta u disghin (1996) ;

Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti ghall-ulied ;

Illi ghaddew aktar minn erba' snin mid-data li fiha il-partijiet ilhom jghixu separatament minn xulxin u mis-separazzjoni legali taghhom, ui ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet ;

Illi ghalhekk jikkonkorru l-elmenti kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet ;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti, m'ghandhiex tiddikjara z-zwieg taghha mal-intimat bhala mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u sabiex tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-

Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-ligi, u dankollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta’ April, 2014;

Rat l-affidavit bix-xhieda tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta’ Mejju 2007;

Illi ir-rikorrenti ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejniethom u illi ma hemm l-ebda arretrati ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-

Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------